MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2011

Numru 1134/2005

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH MERCIECA
SPETTUR ALEX GRECH
VS
SANDRO DEGABRIELE,
STEFAN DEGABRIELE
CONRAD MIZZI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra 1) Sandro Degabriele, ta` 27 sena bin Peter u Mary Anne nee' Camilleri, imwieled Pieta' fil-21 ta` Marzu, 1979, li joqghod Nru. 80, Triq San Frangisk, Bormla, detentur tal-karta ta` l-Identita b`numru 168979(M).
2) Stefan Degbriele, 23 sena, bin Peter u Mary Ann nee` Camilleri, imwieled Pieta` fid-29 ta' Gunju, 1982 u li joqghod Nru. 80, Triq San Frangisk, Bormla, detentur ta' karta ta' l-identita` Nru. 423182M.

3) Conrad Mizzi, 21 sena, bin Grazio u Pauline nee` Dalli, imwieled Pieta` fil-25 ta' Settembru, 1984 u li joqghod Nru. 49, Falt 3, Triq San Pawl, Bormla, detentur ta' karta ta' l-identita` Nru. 466984M.

Illi huwa akkuzati:

Talli mill-fabbrika Nru. RL22 tas-socjeta Blye Engineering Co. Ltd., gewwa l-Qasam Industrijali ta' Rikasoli, limiti tal-Kalkara, fil-25 ta' Dicembru, 2005, ghall-habta tat-3.15p.m. u/jew fil-jiem ta' qabel:

1) Bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` taghhom u li kieku gie esegwit kien ikun serq aggravat bil-valur, li jeccedi l-elf lira Maltin, u bil-mezz;

2) Ikkometew serq ta' ghodod, fosthom CO2 weling set, liema serq huwa aggravat bil-valuri li ma jeccedix l-elf lira Maltin u bil-mezz ghad-dannu tas-socjeta` Blye Engineering Co. Ltd.;

3) Bi hsara tas-sidien jew tad-detentur/i, ghamlu vjolazzjoni kontra l-propjeta` ta' haddiehor ai termini ta' Artikolu 340 (d) tal-Kapitolu 9;

Sandro Degabriele u Conrad Mizzi wehidhom, akkuzati wkoll talli:

4) Fil-Qasam Industrijali ta' Rikasoli fl-24 ta' Dicembru, 2005, wara nofsinhar, irmew, tefghu u/jew xort'ohra ddepozitaw f'post, gewwa post, jew minn xi post, fil-berah li l-pubbliku ghandu d-dritt jew jista' jidhol fih minghajr hlas, hallew, xi haga tkun li tkun f'cirkostanzi tali li tikkaguna, tikkontribwixxi, jew li tista' twassal ghat-tkerrih biz-zibel u skart ta' tali postijiet (Art. 3 tal-Kap. 206);

5) Sandro Degabriele, wahdu, akkuzat wkoll talli fil-Qasam Industrijali ta' Rikasoli, limit tal-Kalkara, u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer fl-24 ta' Dicembru, 2005, wara

nofsinhar, u/jew fix-xhur ta' qabel saq vann Marina, numru tar-registrazzjoni IAJ034, minghajr ma kien kopert b'assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni u b'licenza tal-vettura mhux imgedda; iktar, Sandro Degabriele, wahdu, akkuzat wkoll talli fil-Qasam Industrijali ta' Rikasoli, limiti tal-Kalkara, fil-25 ta' Dicembru, 2005, ghall-habta tal-3.15pm u/jew fil-jiem ta' qabel:

6) rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u, iktar,

7) talli kiser il-provvediment tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza datata 14 ta' Gunju, 2002 meta kien misjub hati ta' reat ta' serq, fost akkuzi ohra, u gie kkundannat tlett snin habs sospizi ghal-erba' snin.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Semghet l-ammissjoni tal-imputati Conrad Mizzi ghajr ghar-raba' akkuza u l-ammissjoni ta' Stefan Degbriele ghall-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu;

Semghet il-konferma tal-ammissjonijiet fuq indikati kif maghmula ara verbal tad-19 ta' Mejju 2010.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tad-19 ta' Mejju 2010 fejn il-Qorti sseparat il-gudizzju.

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni taghha l-Qorti ssib l-impuat Stefan Degabriele hati skond l-akkuza u Conrad Mizzi hati tal-ewwel tlett akkuzi mhux hati tar-raba' akkuza li minnu tilliberah u wara li rat l-Artikli 261, 267, 263, 264, 340(d) 41, Artiklu 7 tal-Kap 446, tqieghed lill-imputati Sandro

Degabriele u Conrad Mizzi taht Ordni ta' Probation ghal pejodu ta' tlett snin (3) taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet inkonsiderazzjoni l-valur tal-oggett misruq u cioe welding sett u l-fatt illi l-imputati qeghdin jahdmu, li l-imputat Stefan Degabriele illum ghandu mpjieg fiss, u in vista tal-ammissjoni taghhom u l-eta' govanili taghhom.

Il-Qorti tordna illi l-Probation Officers nominati jirraportaw kull sitt xhur (6) fuq l-andament tal-imputati.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------